# GHAQDA REGATTA NAZZJONALI

## KODICI TAD-DIXXIPLINA

**DAN IL-KODICI KIEN EMENDAT U APPROVAT WAQT LAQGHA LI SARET NHAR**

**JANNAR 2003, AWISSU 2007**

# GHAQDA REGATTA NAZZJONALI

# KODICI TA' DIXXIPLINA

1. Il- Kunsill huwa fi dmir li jahtar Kummissjoni Indipendenti tad- Dixxiplina, fl- iqsar zmien possibli min meta jkun elett. Il- Kumissjoni Indipendenti tinhatar meta jkun hemm maggoranza semplici fi hdan il- Kunsill favur min ghandu jifforma parti mill- Kummissjoni Indipendenti.Il- Kunsill ghandu jiddelega lil istess Kummissjoni Indipendenti dawk il- poteri , drittijiet u funzjonijiet li jidhirlu necessarji u xierqa, skond l- istitut ta' dan il- kodici u d- decizzjonijiet u direttivi li jinghataw mill- Kunsill minn zmien ghal zmien.

2**. KUMMISSJONI DIXXIPLINA**- Meta tigi iffurmata il- Kummissjoni Indipendenti trid tkun maghmula minn ghallinqas tlett (3) persuni, li m' ghandhom l- ebda kariga jew konnessjoni mal- Kunsill jew Clubs.Dawn is- sinjuri jaghzlu c – Chairman barra li ghandu wkoll il- casting vote f' kas ta' parita' fil – votazzjoni. Il- Kunsill jigi mgharraf biss bir- rizultat tas- sentenza jew decizzjoni. Pero' fl- ebda stadju, il- Kunsill m' ghandu dritt jkun jaf bi zvolgiment tal- Laqgha jew kif gew ittrattati l- kazi.

3. **DECIZJONJIET-** Id- decizjonijiet tal- Kummissjoni Indipendendi huma Finali u Inappellabli, sakemm il- Kummissjoni ma tigiex ipprezentata b' evidenza gdida u jkun jidhirla li ghandha taghti dritt tal- appell.Bl- eccezzjoni li meta jigu kazi quddiem il-Kummissjoni Indipendenti li m'humiex stipulati f' dan il- kodici, il- Kummissjoni Indipendenti ghandha tiehu decizjoni ekwa in konformita ma dan il- kodici u din trid tigi ratifikata mill- Kunsill. Id-decizjoni ahharija f ' dawn il- kazi trid tigi emendata minnufih fil- kodici biex b' hekk jibqa jigi aggornat maz- zminijiet.

4. **SOSTITUTI-** Meta xi membru fil-Kummissjoni Indipendenti, ghal xi raguni jew ohra, ma jkunx jista jagixxi,dan ghandu jigi sostitwit b'persuna indipendenti ohra, li ma jkollha ebda kariga fi hdan il- Kunsill jew konnessjoni ma xi Club.Is- sostitut jigi approvat mill- Kummissjoni b' maggoranza semplici.Dak kollu li jghodd ghal membru tal- Kummissjoni jkun japplika wkoll ghas- sostitut tieghu ,bl-eccezzjoni li s- sostitut ma jistax joqghod bhala Chairman.

5. **KOMPETENZA-** Il- Kummissjoni Indipendenti hija kompetenti sabiex jisimghu u jaqtaw il- kazijiet kollha ta' Dixxiplina ta' Qaddiefa u ta' Distretti fil- Kompetizzjonijiet kollha ta' l- Ghaqda u tal- Qaddiefa msejha ghal attivitajiet Nazzjonali u Internazzjonali u kwalunkwe kaz iehor ta' dixxiplina li jirreferi il- Kunsill.

6. **SEDUTI-** Is- Seduti Dixxiplinari ghandhom isiru fis- sede ta l-Ghaqda jew f'post iehor assenjat mill- Kunsill sa mhux aktar tard minn hmistax (15) il- gurnata minn meta tohrog l-akkuza. Is- Segretarju ta' l- Ghaqda jrid jiehu hsieb li johrog dawn l-akkuzi bil- miktub.Anke id-decizzjonijiet ghandhom jintbghatu mis-Segretarju bil-miktub lil parti koncernata.

7. **PROCEDURA-** Is-Segretarju tal-Kunsill,(Jew membru Indipendenti tal-Kunsill),ghandu jattendi s- Seduti Dixxiplinarji biex jassistib lil Kummissjoni Indipendenti f' dak kollu li jigi mitlub u biex jaghmel il-Minuti tas- Seduta.

8. Il- Qaddiefa jew Distrett ghandu jaghmel rapprezentazzjonijiet bill- miktub biex jiddefendi ruhu kontra l- akkuza li tkun harget.Dawn il- kontestazzjonijiet ghandhom jaslu ghand is- Segretarju, mhux aktar tard mill- gurnata li tahbat lejlet is- Seduta appuntata tal- Kummissjoni Indipendenti. Fin- nuqqas ta' dan, il- Kummissjoni Indipendenti ghandha tipprocedi fuq ir- rapport li jkun hemm disponibli.

9. F'kaz ta' kontestazzjonijiet bil- miktub,il-qaddief ghandu jehmez maghha is- somma ta' €25 u d- Distrett l- ammont ta' €50 .Ta' dawn il- hlasijiet ghandha tohrog ircevuta mis-Segretarjat jew mill- Kaxxiera.Jekk dan il- hlas ma' jsirx fil- hin stipulat jew ma' jsir xejn, il-Kummissjoni Indipendenti ma tistax tiehu inkosiderazzjoni tal- kontestazzjoni li tkun saret. F'kaz li l- qaddief jew id-Distrett jigu liberati,il- hlas li jkun ser jintrad lura. Meta qaddief jikser aktar min regolament wiehed fl-istess Regatta, il- pieni jintghaddu flimkien, Rapporti ta' ksur tar- regolamenti li ma jkunux gew innutati mill-judges, u li r- rizultat taghhom jista jaffetwa l-kumplament tar- Regatta, jridu jsiru immedjatament wara dik it- tigrija partikolari.

10. Il-Kummissjoni Indipendenti ghandha tipprocedi meta jkollha:-

a) rapport mill- Judges, b) rapport mill- Kummissjoni Regatta, c) rapport mill- Kunsill, d) meta jirrizulta reat mhux irrappurtat, liema rapporti jridu jaslu bil- miktub ghand is- Segretarju sa mhux aktar tard min tlett ijiem wara r- Regatta.

11**. <u>PIENI-</u>** Il-Pieni li jistaw jigu mponuti mill- Kummissjoni Indipendenti huma :

a) twissija severa, b) il- multa, c) sospensjoni.

**<u>12. KULL QADDIEF LI JINSTAB HATI TA' VJOLENZA KONTRA XI JUDGE, PERSONALITA DISTINTA MISTIEDNA JEW MEMBRU TAL- KUNSILL U CIOE'</u>**

a) li uza vjolentament kwalunke oggett bhala arma ( moqdief, partijiet ta' l- opra, palju, trofew, flixkun, zarbun, etc..... ) u jolqot jew imiss biha xi Ufficjal jew persuna hawn fuq indikata ; jehel sospenzjoni ta' **37 xahar**. Jekk jinstab hati, il- hsara li jkun ghamel – tkun xi tkun – irid ihallasha u ma' jithalliex jippartecipa sakemm il- hsara tigi mhallsa.

b) Li uza vjolentament kwalunkwe parti minn gismu ( rasu, saqajh, idejh, irkoptu, snienu, etc..... ) u jmiss jew jolqot xi ufficjal hawn fuq indikat ; jehel sospensjoni ta' **37 xahar.**

C ) Li b 'xi mod jew iehor jikkaguna ferita/ feriti gravi skond il- Kodici Kriminali, **jehel sospensjoni ta' mhux inqas minn hames snin sa' sospensjoni ghal- ghomru.**

d) Jekk jittanta jaghmel dawn in- nuqqasijiet ( a/b/c), minghajr ma' jirnexxhielu u dan kontra il- volonta tieghu, jehel sospensjoni ta' **13 il xahar**.

e ) Jekk jagixxi kontra xi Ufficjali hawn fuq indikat b' mod maledukat ( mossi oxxeni, jobzoq, jhedded. Etc......) jehel **TWISSIJA SEVERA TA' €50 MULTA** (jekk qabel il-kaz kellu kondotta nadifa ) jew **Sospensjoni Ta' 13 il xahar U €50 Multa** ( jekk ikun ricediv )).

13. **<u>Offizi Minn Qaddief Kontra Qaddief Iehor Cioe'</u>**

a) Li uza vjolentament kwalunkwe oggett bhala arma ( moqdief, partijiet ta' l- opra, palju, trofew, flixkun, zarbun. Etc....) u jolqot jew imiss biha lil xi qaddief jehel sospensjoni ta' **13 il xahar**. Jekk jinstab hati, il- hsara li jkun ghamel – tkun xi tkun – irid ihallasha u ma' jithalliex jippartecipa sakemm il- hsara tigi mhallsa .

b) Li uza vjolentament kwalunkwe parti minn gismu ( saqajh, rasu, idejh, snienu, irkoptu, etc.... ) u jmiss jew jolqot lil xi qaddief iehor jehel mhux inqas minn sospensjoni ta' **13 il xahar**.

c) Li b' xi mod jew iehor jikkaguna ferita gravi skond il- Kodici Kriminali fuq qaddief iehor jehel **sospensjoni ta' mhux inqas min 37 xahar jew sospenzjoni ghal ghomru.**

d) Jekk jittanta jaghmel dawn in- nuqqasijiet ( a/ b/c ),minghajr ma' jirnexxielu, kontra l- volonta' tieghu, **jehel sospenzjoni ta' 13 il xahar**.

e) Jekk jagixxi kontra xi qaddief b' mod maledukat ( mossi oxxeni, jobzoq, jhedded, etc... ) jehel **TWISSIJA SEVERA U €25** (jekk qabel il- kaz kellu kondotta nadifa ) jew **SOSPENZJONI TA' 13 il xahar U €25 MULTA** (jekk ikun ricediv ).

14. Ir- Regoli tal- komplicita tal – Kodici Kriminali japplikaw ghal dan il- Kodici.F' kaz ta' minorenni ghandha tigi applikata dixxiplina minima, dejjem jekk ikun l- ewwel kaz.

15. **<u>RECIDIV –</u>** Jekk il- Qaddief ikun recediv (imma mhux b' sentenza ta' Twissija Severa )ghandu jehel id – doppju tal- piena applikabbli.

16. **<u>GHEMIL KONTRA L- ISPETTURI</u>** – Kull qaddief li jinstab hati ta' ghemil mhux xieraq jew mhux sportiv fil- konfront ta' l- Ispetturi, jehel € 25 multa u dan anke jekk jigi stabilit li il- qaddief kien ipprovokat.

**17. <u>DIXXIPLINA FUQ DISTRETTI LI JONQSU WAQT IR- REGATTA.</u>**

**<u>NOTA :</u>** Waqt li jkun qed isir it-tahrig qabel ir- Regatta u wara li tispicca ir- Regatta sakemm tigi ufficjalment ,maghluqa ,ghandu jitqies bhala zmien li jaqa taht dan il- Kodici.

a) Meta l- Kunsill jiddeciedi ghal xi raguni jew ohra, li r- Regatta hi sospiza minn kull attivita', bl-ebda mod ma jistghu jitnizzlu opri u jsir tahrig fil- bahar. Id- Distrett li jinsab hati ta' dan in-nuqqas **jehel sospensjoni ta' 13 il xahar**. Meta id- Distrett jigi sospiz jitlef il- qaddiefa li jkollu rregistrati mieghu.
b) Meta jkun hemm Distrett li ma jkompliex r- Regatta, skond kif kien stipulat bil- miktub li ser jaghmel qabel ir- Regatta,jehel **€ 233 multa** u dawk il- qaddiefa li kellhom jaqdfu, skond il-formula sottomessa qabel it- tigrija, jigu iddikjarati ' **FREE RELEASED** '. Jekk jinstab li kienu l-qaddiefa li ma riedux jaqdfu, tali qaddiefa jigu sospizi ghal **37 xahar**.

c) Dawk id- Distretti li ma jiehdux sehem f' Regatta, ghal kwalunkwe raguni, jitilfu d- dritt tar-Registrazzjoni tal- Qaddiefa fuq il- kotba taghhom u jehlu **€120 multa**.

d) Id- Distretti li ma jirritornawx lura kull tazza jew trofew li jkunu rebhu fir- Regatta precedenti – li jinzammu biss ghal perjodu ta' sena – jehlu **€35 multa** ghal **kull tazza,trofew jew xhield** li jinsew u jekk jibqghu ma jaghmlux dan jigu sospizi indefinitivament sakemm jirrangaw din is – sitwazzjoni. Jekk jinstab li saru xi hsarat, dawn jigu rrangati mill- Kunsill u l- kont irid jithallas mid- Distrett koncernat.

e) Jekk partitarji ta' xi Distrett jinstabu hatja li garaw xi oggetti jew ostakolaw ir- Regatta b' xi mod, id- Distrett jehel **€100 multa**.

f) Jekk Distrett jinstab hati li ma kompliex ir- Regatta izda la kien jiddependi minnu u lanqas mill- qaddiefa, id- Distrett jehel **€120 multa**.

g) Jekk ikun hemm izjed minn Distrett wiehed li ma hadux sehem fir- Regatta u b' hekk ir- Regatta ma ssirx, il- kaz ghandu jigi riferit lil Kunsill biex jiehu l – passi necessarji fic- cirkostanzi.

h) Jekk ikun hemm izjed minn Distrett wiehed li ma jkompliex ir- Regatta, il- kaz ghandu wkoll jigi rreferit lil Kunsill biex jiehu l- passi necessarji.

i) Jekk Distrett jinstab hati li mexa b' mod mhux sportiv jew naqas li jaghmel dmiru, biex itellef Distrett iehor, jehel **€233 multa** u l- qaddiefa jehlu sospensjoni ta' **TLETT REGATTAS**.

j) Il-qaddiefa għandhom joqogħdu għall-ordnijiet tal-ġurija tul l-attivita kollha. F'nuqqas ta' dan, il-ġurija għandha dritt li tiskwalifika l-opra mmedjatament minn dik it-tiġrija. Il-qaddiefa li jiġu avżati bl-iskwalifika għandhom jobdu l-istruzzjonijiet mogħtija lilhom mill-ġurija Min jiġi skwalifikat irid jieqaf mill-qdif immedjatament u jkun jista jkompli jaqdef biss wara li l-opri kollha kif ukoll il-laneċ tal-ġurija u tad-delegati jkunu qabżu l-imsemmija opra skwalifikata.

k) Min jiġi skwalifikat u jkompli jaqdef, awtomatikament il-qaddiefa ta' l-opra jiġu skwalifikati għall-kumplament tat-tiġrijiet f'dik l-edizzjoni tar-Regatta kif ukoll jiġu skwalifikati milli jieħdu sehem fir-Regatta fit- 13-il xahar li jkun imiss. Dan ma jeskludux penalitajiet oħra xierqa mill-Board ta' Dixxiplina nkluż multa ta' flus ta' mhux anqas minn € 450.

l) Min jiġi skwalifikat u jkompli jaqdef u jikkaġuna ħabta ma' opra ta' klabb ieħor jiġi skwalifikat għall-kumplament tat-tiġrijiet f'dik l-edizzjoni tar-Regatta kif ukoll jiġi skwalifikat milli jiehu sehem fir-Regatta fis-37 xahar li jkun imiss. Dawn ma jeskludux penalitajiet ohra xierqa mill-Board ta' Dixxiplina nkluż multa ta' flus ta' mhux anqas minn € 700

*m)* Kull opra għandha żżomm id-distanza neċessarja ( kemm minn wara u / jew ġenb) ta' opri oħra u m'għandhiex itellef jew tkun ta' ostaklu lil opri oħra. L-ebda opra ma għandha tgħaddi minn quddiem il-pruwa ta' opra oħra jekk ma jkunx hemm mhux anqas minn ZEWG tulijiet bejn il-poppa tagħha u l-pruwa ta' dawk l-opri li tkun qed taqbeż. Jekk opra tonqos li tħares dan ir-regolament u, b'kaġun t'hekk tikkawża ħabta ma opra oħra, il-qaddiefa tagħha jiġu immedjatament skwalifikati mill-kumplament tar-regatta li tkun qed issir f'dik il-ġurnata u għat-tlettax il-xahar wara. Dawn ma jeskludux penalitajiet oħra xierqa mill-Board tad-Dixxiplina nkluż multa ta' flus ta' mhux anqas minn € 580.

n) Jekk fl-ewwel mitejn metru (*sa ħdejn l-ahhar ponta tal-moll tal-catamaran indikat b'bandiera, fil-kas tat-tigrijiet ta' Marzu u Settembru*) tat-tiġrija ikun hemm xi opra li tikkawża ħabta ma' opra oħra, barra li jkunu applikati r-regolamenti hawn fuq imsemmija, it-tiġrija titwaqqaf u terġa tibda mill-ġdid mingħajr il-parteċipazzjoni ta' dak / jew dawk il-klabbs u qaddiefa li jkunu ikkażaw il-ħabta.

**BORD TAD-DIXXIPLINA**

L-Għaqda Regatta Nazzjonali sa mir-Regatta tal-Vitorja 2007 hatret bord tad-Dixxiplina b'rikors anki għall-Appell. Ghaldaqstant l-organizazzjoni tiddellega lill-Għaqda stess biex tistabilixxi l-mod kif isiru l-protesti, il-limitu tal-ħin li fih jista' jsir protest, min jista' jagħmel protest, u kundizzjonijiet oħra marbutin ma' din il-materja.

## Process ta' dixxiplina u appell

1) Meta ikun hemm lok ghall-process ta, dixxiplina dan huwa maghmul min konsulent legali mahtur mill-Ghaqda Regatta Nazzjonali.

2) Il-konsulent legali jisma kazi ta dixxiplina oltre dawk mehuda waqt it-tigrijiet tar-regatta. Dawn jistghu jittressqu lilu jew mill-Kumitat Festi Nazzjonali, mill-Ghaqa Regatta Nazzjonali jew min xi klabb partecipanti f,dik ir-regatta.

3) Dawk il-kazi u / jew ilmenti ghandhom jittressqu bil-miktub quddiem il-konsulent legali mhux aktar tard min 16 il-gurnata li jinkludu sibtijiet u hdud li jinzertaw bejniethom mill-ahhar regatta li tkun saret. Il-konsulent legali ghandu jitrattta u jiehu decizzjoni li fi zmien adekwat minn meta jkun sar il-kas / ilment.

4) Il-konsulent legali ghndu il-poter li jiehu dawk il-mizuri u penalitajiet li jidhirlu li ghandhom jittiehdu.

5) Dwar il-penalitajiet il-konsulent legali ghandu jkun regolat mill-kodic attwali tal-Ghaqda Regatta Nazzjonali u xi emendi li jistghu jsiru l-quddiem.

6) Min jaghmel il-protest u wisq izjed il-parti l-ohra jridu jkunu presenti waqt is-smigh u jistghu jigu akkumpanjati mill- konsulent legali taghhom.

7) Meta xi parti fil-kawza jidrilha li ghandha tappella mid-decizjoni mehuda mill-konsulent legali nominat mill-Ghaqda Regatta Nazzjonali ghandu jitressaq l-appell bil-miktub quddiem il-Board tal-appell nominat mill-Kumitat Olimpiku Malti mhuz aktar tard min 16 il-gurnata li jinkludu sibtijiet u hdud li jinzertaw bejniethom. Il-board tal-appell ghandu jitratta u jiehu decizjoni finali fi zmien adekwat minn meta jkun tressaq l-ilment.

Ir-regolamenti konessi mal-board tad-Dixxiplina u l-appell, hekk kif mghoddija lill-organizazzjoni mill-Ghaqda Regatta Nazzjonali jkunu applikabbli fejn mehtieg.

## NOTI OHRA

Il- Piena ta’ sospensjoni tibda tghodd sa minn mindu tohrog is- sentenza tal- Kummissjoni.

Il- Multi kollha jridu jithallsu biex Distrett jew qaddiefa ikunu jistghu jibqghu jiehdu sehem fil- kompetizzjonijiet.

Dawn il- Kodici ta’ Dixxiplina japplikaw wkoll ghal Ufficjali u Membri kemm tal- Kunsill ta’ l- Ghaqda Regatta Nazzjonali kif ukoll ghall- Ufficjali u Membri tal- Kumitati Distrettwali kollha.

Dan il- Kodici jigi emendat minn zmien ghal zmien mill- Kunsill jew mill- Laqgha Generali Annwali, in konformita’ mal- principji tal- haqq u s- sewwa.

18. IL-poteri u responsabilitajiet kollha moghtija lill- Kummisjoni Indipendenti tad- Dixxiplina f’ dan il- Kodici, jergu jsiru tal- Kunsill tal- Ghaqda f’ kas li :-

1) Ma jkunx jista jinhalaq qbil fi hdan il- Kunsill dwar min ghandhom ikunu membri fil- Kummissjoni.

2) Il- Kummissjoni Indipendenti ma tasalx ghal decizjoni fi zmien xahrejn dwar kazijiet ta’ dixxiplina li jinqalaw waqt ir- Regatta ta’ Marzu jew Settembru.

3) Il- Kummisjoni Indipendenti ma tasalx ghal decizjoni sa il- gurnata tal- gimgha li jkun imiss, f’ kazijiet ta’ dixxiplina li jinqalaw waqt ir- Regatta tal- Under 18.